**Minuti tal-mitejn u disgħa u sebgħin laqgħa tal-Kunsill Lokali Xagħra li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 16 ta' Awissu, 2012, fil-5.30 p.m. Din hija wkoll is-seba' laqgħa tas-sitt leġislatura ta' dan il-Kunsill.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Joseph Cordina |
| Viċi Sindku : | Is-Sur Aaron Aġius |
| Kunsilliera : | Dr. Christian Żammit |
| | Is-Sur Victor Żammit |
| | Dr. Joseph Attard |
| | Dr. Kevin Cutajar u |
| | Is-Sinjura Maria Grima |
| | |
| Uffiċċjali | |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-Laqgħa Numru 278 li saret nhar il-Erbgħa, 25 ta' Lulju, 2012, wara li saru l-korrezzjonijiet approvati.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

Il-Viċi Sindku Aaron Agius semma li il-kunsill għandu iħallas l-ispejjez kollha tal-kostumi tal-parteċipanti tal-attivita Xagħra Roċks. Il-kunsill qabel li dan isir.

Il-Kunsilliera is-Sinjorina Maria Grima staqsiet dwar l-arrangamenti tas-seating f'Xagħra Roċks. Is-Sindku spjeġa li it-tiċkets kienu imqassmin fi tlett blokkok. L-ewwel blokka kienet ħamra, it-tieni blokka kienet safra u t-tielet blokka kienet ħadra. Dawn it-*tickets* kienu imqassma mill-uffiċċini tal-kunsill fuq bażi *first come first serve* kien hemm minn ma ġiex u dawn posthom ħaduhom minn kien fil-*waiting list*.

Il-Kunsillier is-Sur Victor Zammit qal li jixtieq jattendi għall laqgħa li ser issir fuq ix-xogħol ta Triq Marsalforn mar-residenti. Is-Sindku qal li l-ewwel ser issir laqgħa mal-entitajiet ikonċernati imbgħad wara ser issir il-laqgħa mar-residenti. Huwa ħeġġeġ lil-membri tal-kunsill jagħmlu l-għalmu taħħhom biex jagħtendu.

Il-Kunsillier Dr Christian Żammit semma li it-tabella li hemm faċċata tal-*Playing Field* għandha ma ġietx irrangata. Is-Sindku informa lill kunsill li il-kuntrattur ġie infurmat u

qiegħed jaħdem fuqha. Dr Żammit staqsa fuq l-istat tal-arbli tad-dawl f' Vjal 8 ta' Settembru. Is-sindku semma li id-dawl kollu qiegħed jixel għall ewwel darba f' ħafna snin.

Il-Viċi Sindku Aaron Agius staqsa dwar il-patching li kellu isir fi Triq Dun Ġorg Preċa. Is-Sindku qal li il-kuntrattur wedgħu li dan ix-xogħol ser isir dalwaqt. Hu qal ukoll li minħabba l-istat disastruz li tinsab fija din it-triq, li minħabba meta saret din saret ħazin, il-kuntrattur qal li din il-arti tat-triq trids terġa isir mill ġdid.

Il-Kunsillier Dr Kevin Cutajar semma li Triq Bertrija għadha ma ġietx miknusa. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol ser isir dalwaqt.

Dr. Kevin Cutajar semma wkoll li dwar iz-Zebra Crossings għadu ma sar xejn. Is-Sindku qal li z-Zebra Crossings ser jiġu nkluzi fil-pjanti li ser jagħmel il-Perit dwar il-proġett tal-Pjazza.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jordna ftit DVDs minghand Ċidatel Video Ċentre ta' l-attivita' Xaghra Roċks. Dawn ser jinzammu l-Kunsill. Barra min hekk min irid jista jordna direttament id-DVDs minghand iċ-ĊVĊ.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-festival tat-Tin ser ikun fit-22 u t-23 ta' Settembru. Iridu jsiru arrangamenti ma Vincenzo de Leonardis tal- Komune de San Miċhele Salertino u mal-banda Victory biex nirrangaw dwar is-Sala u l-akkomodazzjoni. Għandhom isiru wkoll arrangamenti bl-istands, posters u publiċ relations. Il-Kunsilliera Marija Grima semmiet li l-lokalita' ta' Kerċem kellha stands sbieh ghal-festival tad-tadam. Gie deċiz li ghandna nikkontatjaw lill-Kunsill ta' Kerċem dwar l-istands.

Il-Laqgħa ġiet sospiza fis-6.30 p.m. minħabba li is-Sur Victor Theuma tax-Xagħra Reanectment Group talab li jidirizza lil-Kunsill. Il-laqgħa reggħet bdiet fis-7.00 p.m.

3. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-laqgħa mas-Sur Victor Theuma għandna nimxu fuq il-binarji li mxejna s-sena l-oħra.

4. Is-Sindku ippropona u il-Kunsill qabel li ghal Kunċert tal-Milied għandna nikkuntatjaw lis Sinjura Grace Vella tal-kor Voce Angelika.

   Il-Viċi Sindku Aaron Agius qal li għandna nibdew naħsbu għal-quotations ta' l-armar tat-triqat fil-festi tal-Milied. Il-Viċi Sindku ser jieħu ħsieb l-ispeċifikazzjonijiet.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għall-*culvert* ta' Triq il-Knisja għandu jiġi kkuntatjat il-Perit biex joħrog it-tender. Il-Kunsill qabel dwar dan.

6. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ser issir il-festa ta' Dun Mark Bonello. Il-festa ser issir fil-pjazza u l-Kunsill għandu jagħmel arranagamenti biex jgib zewg mobile toilets. Barra min hekk ġie deċiz li tingħata mitt Euro izjed lill-Kuntrattur li jnaddaf il-pjazza. Dun Mark għandu jiġi nfurmat li erbgħa kunsilliera u li s-Segretarju ma jistgħux jattendu minħabba li ser ikunu msefrin fuq xogħol tal-Kunsill.

7. Infethu l-quotations ghat-tindif tat-toroq fi zmien il-festa. Kien hemm quotation wahda mil-KIP ta' €3500. Il-Kunsill ddeċieda li ghandna nkellmu lill-kuntrattur biex irahhas il-quotation inkella terga tohrog.

8. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sinjorina Josephine Sultana ha tkun imsiefra ghal-xaghrejn. Huwa ssuggerixxa li ghandu jinstab xi hadd biex jaghti daqqa ta' id temponarjament. Il-Kunsill qabel dwar dan.

9. Il-Kunsillier Kevin Cutajar qal li-l-bars tal-Pjazza ghandhom jaghtu l-aċċess ghat-toilets. Is-Sindku qal li l-kumitat tal-festi esterni ma jridx mobile toilets fil-Pjazza. Il-Kunsillier Joseph Attard issuggerixxa li naghmlu zewg mobile toilets quddiem il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan isir.

   Il-Viċi Sindku Aaron Agius saqsa dwar jekk hux ser jinghalqu s-sqaqien ta' madwar il-Pjazza fil-festa. Is-Sindku spejga li il-kunsill ma ghandux x'jaqsam mal-gates li isiru izda il-kunsill jaghti *no objeċtion* biex ghal zmien il-festa ir-residenti jaghalqu dawn is-sqaqien bil-gates.

## Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti

1) Ittra mingħand Dr Raymond Ċ. Xerri, President tal-ERRĊ fejn jinforma lil kunsill li l-ERRĊ qedgħin joffru bosta korsijiet f' qosma varji tal-*first aid* u *safety.* Jekk il-kunsill jixtieq jorganizza xi korsijet għandna nikkutatjaw lil Etienne Miċallef. Il-Kunsill qabel li għandna naraw nagħmlux kors minnhom is-sena id-dieħla.

2) Ittra mingħand is-Sur Victor Zammit, ta *The Power House* fejn jinforma lill-kunsill li qedgħin jqassmu il-*Gozo Attraċtions Map* biex iħajjru aktar turisti jżuru lil-Għawdex. Hemm il-ħsib li tinħareg publikazzjoni oħra li tkopri ix-xogħolijiet li saru f'Kunsilli Lokali f'Għawdex. L-intenzjoni hi li din il-publikazzjoni tiġi sposorjata bir-reklami għalhekk ma hemmx bżonn finanzjament minn naħħa tal-kunsill. Il-Kunsill innota l-kontenut.

3) Ittra mingħand is-Sur Joseph G Merċieċa, Segretarju Kumitat Festi Esterni Marija Bambina, Xagħra sabiex il-kunsill jerġa jorganizza t-tigrijiet tal-bhejjem. Hu jinforma lill kunsill li is-sotto kumitat tat-Tigrija lest li joffri l-għajnuna kollha meħtiega kif is-soltu jagħmel. Hu jipproponi il-Ħadd, 2 ta' Settembru bħala l-aħjar data. Il-Kunsill qabel li bhal snin l imghoddija ghandna nergew norrganizzaw din it-tigrija.

4) *E-mail* mingħand is-Sur Shamik Sheth, Manager St. Vinċent de Paul Residenċe, biex jinforma lill-kunsill li qedgħin jilqgħu nomminazzjonijiet għall-*Life Story Ċhallenge Awards*. Jekk il-kunsill jixtieq jissottometti initiativa għal dan il-premju għandu jagħmel dan sal-1 ta' Settembru 2012. Il-Kunsill innommina lil-Kunsillier is-Sur Victor Zammit.

5) *E-mail* mingħand is-Sur Ryan Merċieċa, President GUG, fejn jibgħat il-*poster* u il-PR tal-attivita Beaċh Fest 2012 li ser issir b'kollaborazzjoni tal-kunsill. Huwa talab li il-kunsill barra li jħallas għal żewg trofej u tmin medalji jgħatti l-ispejjez ta xibka tal-volleyball li hi ta €50. Il-Kunsill diga ikkometta ruhhu mas Sur Merċeiċa li ser jkopru l-ispejjez tat-trofej u tal-medalji izda il-kunsill ma jaqabilx li għandu jithallas l-ispejjez tax-xibka tal-volleyball.

6) Ittra mingħand is-Sur Joseph Tabone, *Head Monitoring Unit* biex jinbagħatlu rapport qasir dwar l-attivita ta' Xagħra Roċks. Huwa talab li ir-rapport jinkludi x'ser ikun l-involviment tal-kunsill kif ukoll l-ispejjez involuti biex tittella din l-attivita. Il-kunsill qabel li s-Sindku għandu iħejji dan ir-rapport u jgħaddiħ lis-Sur Tabone. Il-Kunsill innota l-kontenut.

7) Ittra mingħand is-Sinjura Daphne M Ċaruana, Ċurator (Gozo Sites) minn Heritage Malta fejn tagħti informazzjoni dwar ix-xogħolijiet li qed isiru fil-Mitħna ta' Kola. Hija tgħid li għal l-aħħar tax-xahar ta Awissu il-makkinarju il-ġdid ser ikun lest. Il-Kunsill innota l-kontenut.

8) *E-mail* mingħand is-Sinjura Ċatherine Brinċat, Segretarja Privata lis-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunita fejn jistiednu lil-kunsill sabiex jindividwaw persuni għall-Premju Anzjan tas-Sena 2012. L-applikazzjonijiet jgħalqu it-Tnejn, 10 ta' Settembru 2012. Il-Kunsill innommina lil-Kunsillier is-Sur Victor Zammit.

9) *E-mail* mingħand is-Sinjura Marthese Baldaċċhino, *Ċontraċting/EUIF Offiċe* fejn tinforma lill-kunsill li l-kumitat tal-UIF ma japprovawx installazzjoni ta' arbli tad-dawl jekk ma ikunx hemm *ċlearanċe* mingħand l-Enemalta. Il-kunsill iddeċċida li għandha tiġi ikkuntatjata għal izjed dettalji.

10) *E-mail* mingħand is-Sinjura Sarah Spiteri, tal-Malta Philharmoniċ Orċhestra fejn tagħti informazzjoni dwar kunċerti possibli li jistgħu isiru fl-lokalitajiet varji

f'Malta u Għawdex. L-applikazzjonijiet jagħlqu fl-24 ta' Awissu 2012. Il-kunsill iddeċċida li għandha tiġi ikkuntatjata għal izjed dettalji.

11) *E-mail* mingħand is-Sinjura Paula Doumanov minn Inspire fejn tinforma lill-kunsill li qedgħin joffru l-post u l-assistenza professionali biex titneda attivita bejn Inspire u il-kunsill għall persuni b'diżabilita fix-Xagħra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

12) *E-mail* mingħand is-Sur Paul Henriċkson fejn jitlob li il-kunsill jagħmel tabelli biex ma idoqqux il-*horn* tal-karozza fi salib it-triq fi Triq it-Tiġrija. Hu jitlob ukoll li isir *ruling* fuq *mufflers* fuq muturi u fuq roti bil-mutur.. Il-Kunsill innota l-kontenut.

13) *E-mail* mingħand is-Sur Vinċenzo DeLeonardis dwar iż-żjara tal-ċomune di San Miċhele fix-Xagħra. Huwa jinforma lil kunsill li ser ikunu sitt persuni u jixtieq li ikunu allogjati f'erba' kmamar. Il-Kunsill qabel li għandu jinstab allogjament kif mixtieq.

14) *E-mail* mingħand Dott. Evangelista Leuzzi fejn tagħti informazzjoni dwar l-ewwel laqgħa dwar il-proġett NE.MO. Town-Twinning Projeċt. Il-laqgħa ser issir fil-Polonja u iz-zjara ser tkun mill-1 ta' Ottubru sal 4 ta' Ottubru. Hi titlob li jinbgħatu lista tal-parteċipanti bil-ħinijiet tal-wasla u tat-tluq u *Bank Aċċount Form*. Dawn għandhom jinbagħtu sat-30 ta Awissu. Il-Kunsill qabel li għandhom jitilgġu żewg persuni.

15) *E-mail* mingħand is-Sinjura Elisa Finoċċhiaro dwar il-possibilita li il-lokalita tax-Xagħra tieħu sehem fil-proġett intitolat *Europe for ċitizen*. Dan il-proġett jikkonsisti fi skambju ta ħames zagħzagħ mużikisti bejn il-pajjizi involuti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

16) *E-mail* mingħand David Tanti, ta' Sunsourċe & Ċo., fejn jinfurma lill-kunsill li għandu għal kiri *motifs* tal-milied u sigar tal-milied għall barra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

17) *E-mail* mingħand is-Sinjura Ċharlene Merċieċa Magro, Data Analyst ta GreenPak Ċoop Soċiety Ltd, fejn tibgħat rapport dwar il-miri tar-*reċyċlable waste*. Hija tinfurma lill-kunsill li hemm bzonn aktar sforż biex jintlaħqu il-miri u tagħti xi rakkamandazzjonijiet dwar kif dan għandu jsir. Il-Kunsill qabel li għandu jiġi ikkunsidrat ir-*reċyċling* tal-ħġieġ.

18) Ittra mingħand is-Sur Joseph Bajada, li joqgħod Madonna ta' Pinu, Vjal it-8 ta' Settembru fejn jitlob li jitnaddaf passagg li jwassal għal-għalqa tiegħu ftit il-fuq

mill-Għar ta' Għejzu. F'dan il-passagg hemm ħafna xewk u ħaxix ieħor. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li ix-xogħol isir.

19) Ittra mingħand Avv. Mario Sċerri, f'isem is-Sur Ċarmel Sultana u ibnu is-Sur Miċhael Sultana fejn jinfurmaw lill-kunsill li qed izommu il-kunsill responsabli tad-danni li jistgħu isoffru minħabba tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku in konnesjoni mal-attivita ta Xagħra Roċks. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20) *E-mail* mingħand is-Sur Ċharles Buhagiar, Assistant Manager tal-Maltapost fejn jinfurma lill-kunsill li Maltapost għandhom bżonn ikollhom *Keep Ċlear Parking Bay* ħdejn il-fergħa tal-Malatpost fix-Xagħra. Il-Kunsill innota l-kontenut.

21) *E-mail* mingħand il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar dwar ilment li sar mis-Sur Pierre Galea Musu dwar mizbla fi Triq Marsalforn. Il-Kunsill innota l-kontenut.

22) *E-mail* mingħand l-Assoċiazione Ċulturale Strauss dwar kors ta taħriġ bit-titlu *Laboratory Teċhnology of Involvement* fejn jistidnu li jitilgħu għat taħrig żewg partiċipanti. Il-Kunsill innota l-kontenut.

23) Stima mingħand il-Perit Edward Sċerri tat-tender tal *ċulvert* propost fi Triq il-Knisja u Triq Kortoll. Il-Kunsill qabel li għandu joħroġ it-tender.

**Ilmenti**

1) Ilment minghand il-Kunsillier Victor Zammit li qal li r-residenti ta' hdejn il-playing field iridu li jibqalhom aċċess ghal-parking meta jsir il-progett tal-playing field. Il-Kunsill innota dan.

2) Ilment minghand il-Kunsillier Victor Zammit li qal li qed jigu xi maltin u jabbandonaw il-klieb fix-Xaghra. Il-Kunsill ha nota ta' dan.

3) Ilment minghand il-Kunsillier Victor Zammit qal li ċertu sewwieqa qed jghaddu b'veloċita kbira minn Triq it-Tigrija. Il-Kunsill ha nota ta dan.

4) Ilment minghand il-Kunisillier Dr. Joseph Attard biex issir *Disabled Spaċe* quddiem Bajada House fi Vjal it-8 ta Settembru. Il-Kunsill qal li ser jiċekkja aktar dwar dan l-ilment biex jara x'ser isir.

5) Ilment mingħand il-Kunsillier Dr. Kevin Cutajar li qal li l-area ta hdejn il-vit fir-Ramla l-Ħamra għandu jsir pasaġġ fuq il-parti imħarbta. Il-Kunsill iddeċieda li għandna niktbu lil Ministeru ghal-Għawdex biex dan isir.

6) Ilment mingħand il-Kunisillier Dr. Kevin Cutajar li qal li l-ħabel fil-bajja tar-Ramla kien maqtugħ. Il-Kunsill iddeċieda li għandna niċċekjaw dwar dan.

7) Ilment mingħand Loreto Portelli, ta 14 Triq Masri fejn jitlob sabiex jitneħħew is-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jiġi iklarifikat dan l-ilment.

8) Ilment mingħand Josephine Sultana li toqgħod Tal-Hawlija, Triq Ghar ta'Ninu sabiex jinbena hajt imwaqqa f'għalqa li hemm fi triq Marzjal. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

9) Ilment minghand Maria Caruana li toqghod Marija Bambina, Triq Għar ta' Xerri fejn titlob li isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fi Triq Spiera kantuniera ma' Triq Bullara. Din it-talba qed issir peress li qed ikun hemm problema biex ix-xarabanks tagħhom iduru bil-vetturi li qed ikun hemm ipparkjati hemmhekk. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jintbagħat lit-Transport Malta.

10) Ilment minghand Carmen Buttigieg li toqghod 52, Triq Gorf fejn titlob li jerga' jitwahhal il-bank li kien hemm fi Triq Gorf. Il-Kunsill qabel li ix-xoghol isir.

11) Ilment minghand Joseph Micallef ta' 5, Triq il-Kortoll fejn jitlob sabiex isir *boundary wall* fl-inħawi ħdejn il-kalata tal-boċċi fi Triq Srug għax qed jitefa' ħafna skart fl-inħawi. Il-Kunsill qabel li għandu jitnaddaf l-iskart.

12) Ilment minghand Victoria Refalo ta 3, Triq Jannar fejn titlob li bejn il-Gimgħa 31 ta Awissu u s-Sibt 8 ta' Settembru, titpoġġa gate fil-bidu tal-isqaq fi Triq Jannar għax qed jidħlu ħafna nies jagħmlu toilet hemmhekk. Il-Kunsill ta' in-*no objection* biex il-gate issir.

13) Ilment minghand Grezzju Bajada li joqgħod Penthouse, Triq Sant'Anton fejn jitlob sabiex jitranga ħajt imwaqqa' għat-triq fi Triq San Marzjal biex jerġa' jinbena. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

14) Ilment mingħand Victor Bajada ta 74A, Triq Sant'Anton fejn jitlob sabiex jitranga hajt imwaqqa' għat-triq fi Triq San Marzjal biex jerġa' jinbena. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

15) Ilment mingħand Marlene Mejlak li toqgħod Pearl, Triq 28 ta' April 1688 fejn titlob li it-triq taghha issir *one way EXCEPT FOR RESIDENTS*. Il-Kunsill qabel din it-talba ma tistax tigi aċċettata.

16) Ilment minghand Joanne Sultana li toqgħod 22, Triq Arċipriet Guzepp Diacono fejn titlob li Triq Arċipriet G. Diacono issir one way matul il-granet tal-festa minħabba l-ammont kbir ta' traffiku li qed jingema' fl-inhawi. Il-Kunsill qabel li issir tabella tal-one way mis-26 ta Awissu sad-9 ta Settembru.

17) Ilment minghand il-Kunisillier is-Sur Aaron Agius li talab sabiex issir STOP SIGN fil-junċtion bejn Triq l-Ghar ta'Xerri u Triq Gnien Imrik. Il-Kunsill qabel li ninfurmaw lil Transport Malta dwar din is-sign.

18) Iment minghand Benigno Saliba li joqghod 58, Triq il-Mithna fejn talab biex titranga rampa bis-siment li ghandu mar-residenza tieghu. Il-Kunsill qabel li ix-xoghol isir.

19) Ilment minghand Franċis (Ċikku) Sultana ta' 105, Triq Bullara fejn jitlob li jsiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fuq nahha wahda tal-parti d-dejqa fejn Ta' Frenċ ghax is-sewwieqa tal-vetturi qed jipparkjaw fuq zewg nahhat bil-konsegwenzi negattivi lid an igib mieghu, inkluz nuqqas ta aċċessibilita'. Il-Kunsill iddeċieda li ghandna jitkellmu mas-sidien ta Ta Frenċ Restaurant u fil-kaz nirreferru il-kaz lil Transport Malta.

20) Ilment minghand Joseph Xiberras ta 45, Isqof Ruzar Briffa fejn jitlob biex jigi mnaddaf ghar go biċċa raba' fi Triq Marsalforn u fi Triq Ghajn il-Gdida. Dan l-ghar imtela' bl-iskart u qed jitlob li jitnaddaf mill-haddiema tal-Kunsill.

    Barra minn hekk, ir-resident qed jilmenta li f'ghalqa li ghandu f'96 Triq Marsalforn, qed jintefa xi skart mill-kennies tal-Kunsill li jiknes dik iz-zona. Il-Kunsill ddeċieda li jitkellem l-ewwel mar-resident.

21) Ilment minghand Salvu Azzopardi li joqghod 46, Qalb ta' Gesu, Triq Mikiel Farrugia fejn jitlob sabiex jinqata l-qasab f'passagg pubbliku fi Triq l-Ghejun. Il-Kunsill qabel li x-xoghol isir.

22) Ilment minghand Ċlaire Sultana li toqghod Karemma House, Triq Bullara, fejn titlob li jinqata' l-haxix li hemm fi Triq ta' Bullara (isfel nett kwazi fejn il-Villa ta' Victor quddiem ir-residenza taghha). Ir-residenta qed titlob ukoll li terga' titwahhal it-tabella tal-hmieg tal-klieb li kien hemm fil-istess zona. Il-Kunsill qabel li x-xoghol isir.

23) Ilment minghand Lawrenċe Theuma li joqghod NB, Triq il-Mithna fejn jitlob biex jitnehha malajr ir-rubbish bin li hemm hdejn il-gibjun fi Triq John Otto Bayer ghax qed jintefa hafna zibel tad-djar go fih u qed ikun jinten. Il-Kunsill qabel li dan ghandu jitnaddaf.

24) Ilment minghand Ċarmelo Portelli li joqghod 4, Gnien Imrik sabiex jitranga l-hajt tal-gandott minn fejn ighaddi l-ilma tax-xita fl-inhawi ta' Ghajn Xejba. Il-Kunsill qabel li x-xoghol isir.

25) Ilment mingħand Anthony Hili li joqghod 18, Triq Għejun sabiex isir ħajt tal-briċks madwar giebja li hemm fl-inhawi tal-Għejun. Il-Kunsill qabel li il-ġibja tisewwa izda mhux li jinbena ħajt bil-bricks.

26) Ilment mingħand David Attard li joqgħod 84, Triq Vittorja fejn jitlob li jitrangaw żewg bankijiet imkissrin fil-pjazza, wieħed fejn il-ħanut ta' Marija ta' Ħawlija u l-ieħor fejn tat-Taljan. Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

27) Ilment mingħand Jennifer Agius li toqgħod NB, Triq il-Komittva fejn titlob li isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar fi sqaq fi Triq Gorf (quddiem ir-residenza taċ-Ċiċċa). Il-Kunsill qabel li jiċekkja aktar dwar dan l-ilment.

28) Ilment minghand Noel Xerri li joqghod 51, Triq ta' Gorf fejn jitlob li titwaħħal mera fi Triq Kortoll fejn tizbokka ghal Triq Sruġ (ħdejn ir-residenza tal-aħwa Said). Il-Kunsill qabel li ix-xogħol isir.

29) Ilment mingħand Nazzareno Hili li joqgħod 52B, Triq ta' Ġorf fejn jitlob sabiex jinbena ħajt imwaqqa fi sqaq tan-Nenus fi Triq Marsalforn. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir.

30) Ilment mingħand John Bajada li joqgħod Marija Bambina, Triq Għajn Qamar fejn jitlob biex titranga ir-rampa ta mar-residenza tiegħu fi Triq Għajn Qamar. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir.

31) Ilment mingħand Eucharistico Refalo li joqgħod 10 Triq Ħamrija, Xewkija fejn jitlob sabiex urgentament jinbena ħajt imwaqqa fi Triq San Marzjal. Importanti ħafna li dan ix-xogħol isir fl-iqsar żmien possibli. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir.

32) Ilment mingħand Louis Portelli li joqħhod Villa Madonnina, Triq il-Knisja, l-Għarb fejn jitlob li jigi irrangat ħajt imwaqqa fl-inħawi ta' Għajn Xejba. Dan il-ħajt jinsab ftit 'l isfel mill-ħajt ta' Teddy Refalo li ġie approvat fil-laqgħa tal-25 ta' Lulju. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir.

33) Ilment mingħand Michael Vella li joqgħod NB, Triq ta' Stellini fejn jitlob biex jingħata ftit siment fi Triq ta' Stellini ħdejn il-garaxx ta' Toni l-mekkanik. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir.

34) Ilment mingħand Joe Theuma li joqgħod 95, Triq Ġnien Xibla fejn jitlob biex jitranga l-ġandott min-naħħa t'isfel tal-Fellies. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir.

35) Ilment mingħand Victor Attard li joqgħod NB, Triq il-Ħamrija, Xewkija biex terġa issir l-gate li kien hemm maġenb il-*playing field* fl-egħlieqi li hemm fl-inħawi. Il-Kunsill qabel li jkellem lil Victor Attard qabel ma jagħmel xi xogħol.

36) Ilment mingħand Rita Refalo li toqgħod 20, Triq ta' Bullara fejn titilob li titranga l-bankina tar-residenza tagħha wara li saret xi ħsara fuqha mill-kuntrattur li ken qed jagħmel ix-xogħol tal-*culvert* hemmhekk. Il-Kunsill qabel li x-xogħol isir.

**Aprovazzjoni tal-Pagementi**

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi mal-minuti. Apparti item (Tal-Bankini) fejn il-Kunsillier Dr. Joseph Attard astjena.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fil-9.00 p.m. Il-Kunsill iddeċċieda li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Tlieta 18 ta' Settembru 2012 fil-5.30 p.m.

**Joseph Cordina**
**Sindku**

**Mark Formosa**
**Segretarju Eżekuttiv**